# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru:** 818/15 DMA

**Vodafone Malta Ltd**
**C 10865**

**Vs**

**Panther Entertainment Ltd**
**C 48986**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' tlett elef u sebghin ewro u tlettax -il centezmu (€3,070.13) in kwantu ghal tmien mija ghaxar ewro u erbgha u sebghin centezmu (€810.74) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'CUG2-ESSENTIALS SMPHONE 95 2G' referribli ghal kont bin-numru 4.6376.11.00.100000, in kwantu ghal tmien mija disghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€890.77) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-

istess intimat abbazi tat-tariffa 'CUG2-ESSENTIALS SMPHONE 95 2G' referribli ghall-kont bin-numru 4.6376.11.00.100001, in kwantu ghall- erba' mija disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€490.41), rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimati abbazi tat-tariffa 'CUG2-Smart36+' referribli ghall-kont bin-numru 4.6373.11.00.100002, in kwantu ghal mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€158.95) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Liberty Platinium PC Data_Daily' referribli ghall-kont bin-numru 4.6376.11.00.100003, in kwantu ghal mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u disghin centezmu (€158.95) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Liberty Platinium PC Data_Daily' referibbli ghall-kont bin-numru 4.6376.11.00.100004, in kwantu ghal mitejn tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€282.37) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'CUG2-Essentials SMPHONE 35' referribli ghall-kont bin-numru 4.6376.11.00.100005 u in kwantu ghal mitejn sebgha u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€277.94) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-isyess intimat abbazi tat-tariffa ‘CUG2-Essentials SMPHONE 35’ referribli ghall-kont bin-numru 4.6376.11.00.100006, u dank if jirrizulta mir-remdikomti hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala ‘Dok. VF1’ sa ‘ Dok. VF 7’.

Illi minkejja li s-socjeta’ intimate giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas tal-ammont hawn reklamat, s-socjeta’ intimate ghazlet li tibqa’ inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagamenti effettiv tal-istess ammont, kontra s-socjeta’ intimata, bl-ingunzzjoni tas-socjeta’ intimata in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma tlett elef u sebghin ewro u tlettax -il centezmu (€3,070.13) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagamenti effettiv tal-istess ammont.

L-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din it-talba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**